SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 25/K6/09

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 10/12/'09** **254**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 10/12/'09** **308**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 10 ta' Diċembru 2009.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.30 p.m.

1.03 Preżenti: seba' membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Marisa Micallef.

1.04 Preżenża tal-pubbliku:- (0).

1.05 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2. Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fl-4 ta' Diċembru 2009. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Proġett - Car Park fl-area tal-Balluta
   - Triq ir-Rampa
4. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
5. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 24/K6/09 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ressqet emenda sabiex f'pagna 3, Artiklu 1.4.03 qabel il-kliem **"issir laqgħa għar-residenti"** jiżdiedu l-kliem **"il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet li".**

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondaha.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Il-Kunsillier Richard Scicluna wasal fis-5.45p.m.

1.3.06 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 24/K6/09 kif emendati.

1.3.07 Il-Kunsillier Richard Scicluna issekondah.

1.3.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

**Rif. Nru Korrispondenza**

5684 E-mail mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar:-

- fattura li l-Kunsilli irċievew b'konnessjoni ma' l-email addresses il-ġodda tal-Kunsilliera
- ammont dovut lill-WasteServ
- biex il-Kunsilli Lokali jaslu għal ftehim ma' waħda mill-iskemi ta' ġbir ta' skart separat.

5700 Memo 78/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-għeluq tas-sena finanzjarja.

5770 & E-mail mingħand id-Divizjoni għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni

K1315 tal-Prijoritajiet rigward l-ERDF 163 – Clean Urban Transport for San Ġiljan.

5804 E-mail mingħand il-MEPA rigward il-Wirja dwar il-Gallarijiet ta' l-Injam u l-Iskema tal-MEPA.

5824 E-mail mingħand l-Employment and Training Corporation rigward information session dwar is-servizzi tal-ETC/EURES.

5866 Ittra mingħand l-Għaqda Festa Madonna tal-Karmnu dwar presepju artisku li jiġi esebit.

5875 Memo 84/2009 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2010.

5894 Ittra mingħand Fix All rigward reviżjoni temporanja ta' prezzijiet fuq it-tabelli.

5906 Ittra mingħand il-WasteServ rigward leasing agreement.

**Fost l-ittri li nqraw gew diskussi:-**

Rif. Nru. 5686

2.02 B'riferenża għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Skemi dwar Ġbir ta' Skart Separat, ġie deċiz unanimament li d-Dipartiment jiġi nfurmat li fil-preżent il-Kunsill m'għandux arranġamenti ma' ebda skema biex jieħdu ħsieb il-ġbir ta' l-iskart separat mil-lokalita'.

Rif. Nru. 5684

2.03 B'riferenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. ġie deċiz unanimament li:-

- Il-fattura li l-Kunsill irċieva b'konnessjoni ma' l-email addresses il-ġodda tal-Kunsillera ma' titħallasx fuq il-parir li ngħata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.
- Il-fatturi tal-WasteServ jitħallsu kif spejgat fiċ-ċirkulari.
- Il-Kunsill jiltaqa' ma' rapreżentant tal-Green Pak u l-Green MT, ż-żewg kumpaniji li qegħdin fl-iskema ta' ġbir ta' skart separat,

sabiex jara x'jistgħu joffru lill-Kunsill u wara tittieħed deċiżżjoni sabiex isir ftehim ma' wieħed minnhom.

Rif. Nru. 5700

2.04 B'riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 78/2009 dwar l-għeluq tas-sena finanzjarja. Il-Kunsill ġie nnotifikat li peress li s-sena finanzjarja ser tibda tagħlaq fl-aħħar tas-sena, il-Kunsill huwa obbligat li l-*financial statements*, approvati mill-Kunsill u iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u mis-Sindku, għandhom jaslu għand id-dipartiment sa mhux aktar tard mit-Tlieta 9 ta' Frar 2010. F'każ li d-deadline ma' tinżammx jittieħdu l-passi meħtiega kontra l-Kunsill.

Rif. Nru. 5770

2.05 B'riferenża għall-email mingħand id-Divizjoni għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritatjiet rigward l-applikazzjoni li ġiet irrifjutata dwar 'Clean Urban Trasport' għal San Ġiljan, sabiex isir il-Bus Terminus fl-Area tal-Balluta għall-vetturi li jaħdmu bil-battries, il-Kunsill ġie nfurmat li diġa ntbagħtet kopja ta' l-e-mail lill-Perit Stephen Farrugia sabiex issir oġġezjoni minħabba l-fatt li dan is-servizz ilu jingħata permezz ta' servizz ta' mini van.

Rif. Nru. 5824

2.06 B'riferenża għall-email mingħand l-Employment and Training Corporation rigward information session dwar is-servizzi tal-ETC/EURES, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jinnotifika lill-Employment and Training Corporation li jaċċetta li jsiru l-information sessions.

Rif. Nru. 5866

2.07 B'riferenza għall-ittra mingħand l-Għaqda Festa Madonna tal-Karmnu ġie deċiż unanimament li b'kollaborazzjoni mal-Kunsill jigi esebit presepju artistiku u li l-Kunsill iħallas l-ammont ta' €250 bħala parti mill-ispejjez biex tittella din l-attivita'.

Rif. 5894

2.08 Wara diskussjoni qasir rigward l-ittra mingħand Fix All dwar reviżjoni temporanja ta' prezzijiet fuq it-tabelli, ġie deċiż

unanimament illi l-Kunsill jaċċetta l-prezz rivedut fuq it-tabelli tal-persuni b' diżabilta' u tar-residential parking biss.

Rif. 5906

2.09 B'riferenza għall-email mingħand il-WasteServ rigward il-leasing agreement dwar ir-*recycle bins* u l-ġbir tal-iskart separat ta' nhar ta' Tlieta, ġie deċiż unanimament li wara li l-Kunsillier Edgar Montanaro jevalwa l-kundizzjonijiet meħmuza ma' dan l-agreement, jigwida l-Kunsill dwar id-deċizjoni li għandha tittieħed.

**3 Proġetti**

**Car Park fl-Area tal-Balluta**

3.01 Il-Kunsill sejjaħ laqgħa pubblika nhar il-Ġimgħa 27 ta' Novembru 2009 fil-Pisces Hall, Le Meridien, San Ġiljan dwar il-progett tal-Car Park fl-Area tal-Balluta. Waqt li l-Kunsill ta spjegazzjoni ddettaljata kif ukoll wera filmat tal-proġett, kien hemm interruzzjonijiet u l-oġġezzjonijiet kontinwi mill-maġġoranza tar-residenti għad-dizapprovazzjoni tagħhom lejn dan il-proġett. B'konsegwenza ta' dan il-Kunsill iddeċieda unanimament li jwaqqaf dan il-proġett u joħrog stqarrija għall-istampa. ( Ara Appendici 'A")

**Triq ir-Rampa**

3.02 Il-Kunsill sejjah laqgħa pubblika nhar il-Ħamis 3 ta' Diċembru 2009 fil-Libra Hall, Le Meridien, San Ġiljan għar-residenti ta' Triq ir-Rampa dwar l-immaniġġjar tat-traffiku f'din it-triq (Ara Appendici 'B').

3.03 Il-Perit Stephen Farrugia spjega li kien ser isir żvilupp privat ta' kostruzzjoni u waħda mill-kondizzjonijiet tal-MEPA hi li jsir immaniġġjar tat-traffiku ta' Triq ir-Rampa u li dan għandu jigi approvat mill-Kunsill.

3.04 Wara li l-Kunsill sema' l-ilmenti u ssuġġerimenti li saru, ġie deċiż unanimament li r-residenti jippreżentaw petizzjoni lill-Kunsill favur ir-residential parking

3.05 l-Perit jigi nfurmat illi l-Kunsill qabel mal-proposta tal-Immaniġġjar tat-Traffiku b'dawn il-kundizzjonijiet:-

- Li jiġi rrakkomandat li Triq ir-Rampa tigi aċċessibbli għar-residenti biss u

- Jigi nfurzat li jsir it-tindif tat-triq kif jispiċċaw il-ħaddiema.

3.06 Issir talba l-ADT sabiex f'Triq ir-Rampa jsiru:-

- *fishbone parking*
- bollards biex il-pubbliku ma jipparkjaxx il-vetturi fuq il-bankini
- *sleeping policemen*
- tidjieq il-bankina ż-żewġ naħat tat-triq
- ma jippparkjawx coaches

3.07 tintbagħat ittra lill-kuntrattur li poġġa platform fi Triq ir-Rampa sabiex din titneħħa fi żmien ġimgħa u jekk ma' tittieħedx azzjoni, il-*platform* titneħħa mill-Kunsill għas-spejjez tal-kuntrattur.

**4 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

4.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'C').

4.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

4.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna issekondah.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

5.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2779 sa 2782 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

5.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2779 sa 2782.

5.03 Il-Kunsillier Norman Vella issekondaha.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6 Materji Oħra**

6.01 Il-Kunsillier Edgar Montanaro wera d-diżapprovazzjoni tieghu minħabba li ma tneħħietx it-tabella llegali tal-Un/loading, fir-

roundabout, fi Triq Ross. Hu sostna li l-Kunsill m'għandu jaċċetta qatt li jsiru xogħolijiet illegali fil-lokalita'.

6.02 Wara diskussjoni qasira ċ-Chairman ġibed l-attenzjoni li ser issir talba lill-ADT sabiex mar-roundabout ta' Triq Ross isiru parking bays peress li f'din l-area hemm diversi ħwienet u teżisti l-problema tal-parkeġġ.

6.03 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li d-dokument biex jinħareġ it-tender għal ġbir ta' skart organiku huwa lest min-naħa tagħħa u tista tinħareg is-sejħa għall-offerti, iżda l-Kunsill Lokali tas-Sliema kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub lill-Kunsill jekk kienx interessat li dan it-tender jinħareġ flimkien (Ara appendici 'E').

6.04 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi jekk sa ġimgħa oħra il-Kunsill ma jirċievi ebda risposta bil-miktub mingħand il-Kunsill Tas-Sliema, il-Kunsill joħrog is-sejħa għall-offerti għal ġbir ta' Skart organiku.

6.05 Wara li l-Kunsill ġie nfurmat illi nġabru l-kwotazzjonijiet għall-ħarga ta' l-anzjani, ġie deċiż unanimament li l-ħarga ssir nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2009 u li tintgħazel l-offerta tas-Seabank Hotel peress li kienet l-aktar offerta vantaġġjuza ( Ara Appendici 'F').

6.06 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ikla tal-Kunsill kienet ser issir Le Meridien Hotel nhar it-8 ta' Jannar 2009 fit-8:00p.m.

6.07 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fis-6:55p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |